19 ta' April, 1948.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Aquilina et.

**Reat Kontinwat — Konkors ta' Reati — Kompetenza — Sentenza — Nullità — Art. 382 (2) tal-Kodiċi Kriminali — "Administration of Justice (Emergency) Regulations, 1940".**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi r-reati li huma ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati jibqgħu ta' kompetenza ta' dik il-Qorti għad illi, minħabba konkors ta' reati u pieni, jew minħabba r-reċidiva, ikun hemm lok li tingħata piena akbar minn dawk li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti, hija applikabili anki għar-reat kontinwat. B'mod illi jekk ir-reat mingħajr il-kontinwità jaqa' taħt il-kompetenza ta' dik il-Qorti, jibqa' f'dik il-kompetenza anki bil-kontinwità. U dan jingħad mhux biss għall-kompetenza ordinarja ta' dik il-Qorti, imma anki għal dik il-kompetenza kif elevata bl-"Administration of Justice (Emergency) Regulations" ta' l-1940.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Maġistrati, kuntrarjament għal dan il-prinċipju, iddikjarat ruħha inkompetenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali annullat dik is-sentenza billi żammet li l-Ewwel Qorti kienet kompetenti, u ħadet konjizzjoni tal-meritu hija stess.*

Dan hu appell ta' l-Attorney General;

B'sentenza tagħha tal-1 ta' Marzu 1948, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ddikjarat li l-akkuża miġjuba kontra l-imsemmijin Aquilina u Mangion, skond in-nota ta' l-Attorney General ta' l-20 ta' Frar 1948, ma hijiex ta' kompetenza tagħha, u ordnat li l-inkartament flimkien ma' l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ħtija, u ma' kopja tad-deċiżjoni tagħha, jiġu mibgħutin lill-Attorney General;

Il-kwistjoni hi jekk il-Qorti kienetx kompetenti jew le;

Kif jidher mis-sentenza impunjata mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti t'Isfel affermat ruħha inkompetenti għaliex irriteniet li l-art. 382 (2) Kap. 12, in kwantu jirriferixxi għal konkors ta' reati u pieni, ma hux applikabili għar-reat kontinwat. Infatti, mingħajr il-kontinwità, ma hemmx dubju illi l-piena applikabili kienet tkun tali li indubbjament il-konjizzjoni tar-reat kienet taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri kif elevata bl-"Administration of Justice (Emergency) Regulations 1940";

Issa hemm dawn il-konsiderazzjonijiet li jinduċu lil din il-Qorti tilqa' r-reklam ta' l-Attorney General kontra s-sentenza tal-Maġistrat, ċjoè:—

1. Tidher aktar loġika t-teorija illi r-reat kontinwat hu forma "sui generis" ta' konkors ta' reati. Għaliex jekk, bħar-reat uniku, għandu l-uniċità tar-riżoluzzjoni kriminuża, għandu però anki l-molteplicità tal-fatti leżivi u l-insistenza fil-propożiti antiġuridiċi, kif jiġri f'każ ta' pluralità ta' reati. Minbarra dan, hu magħruf illi fir-reat kontinwat ikun hemm, mhux pluralità ta' attijiet, imma pluralità ta' azzjonijiet, u r-rigur tal-prinċipji kien għalhekk jeżiġi illi lill-awtur tagħhom dawn l-azzjonijiet jiġu imputati kollha kemm huma bħala titoli distinti ta' delitt. Il-prattiċi, għalhekk, introduċew id-dottrina tal-kontinwazzjoni, li in forza tagħha bosta delitti jiġu kunsidrati bħala wieħed kontinwat. Iżda fil-fatt huma delitti diversi; fil-fatt hemm il-konkors ta' delitti, unifikati, b'finzjoni benevola, minħabba r-riżoluzzjoni kriminuża unika;

Tidher konsona għad-dispożizzjoni tal-liġi (art. 20 Kod. Kriminali Malti, u art. 79 Kod. Kriminali Taljan), li ssemmi d'versi azzjonijiet ossija vjolazzjonijiet, l-opinjoni illi r-reat kontinwat hu speċi ta' konkors ta' reati. Kif inqal fil-ġurisprudenza Taljana ((Giurisprudenza sul Codice Criminale, miġbura minn Ugo Conti, art. 79, para. 294), "la figura di reato continuato è una specie di concorso, in quanto suppone la sussistenza di più reati simili raggruppati dalla unicità di risoluzione, la quale secondo la legge li fa considerare per un solo fatto alla pena". Għalkemm fil-Kodiċi Kriminali Taljan ittitolu li taħtu qiegħed ir-reat kontinwat hu intestat "Concorso di Reati e di Pene", hu wkoll veru illi fil-Kodiċi Kriminali Malti r-reat kontinwat qiegħed fl-istess titolu (jew aħjar sotto-titolu) li jitkellem fuq l-inflizzjoni tal-pieni u fejn qiegħed l-artikolu li jittratta dwar il-konkors ta' delitti u kontravvenzjonijiet, u immedjatament warajh, wieħed art. 19 u l-ieħor art. 20. Għalhekk, anki taħt il-Liġi Maltija, ir-reat kontinwat hu, bħal fil-Liġi Taljana, "una delle tre ipotesi di concorso di reati" (Conti, ibidem, para. 96), u jaqa' għaldaqstant taħt l-art. 382 fuq imsemmi għal dak li jirrigwarda l-kompetenza;

2. Fl-art. 448 (2) Kap. 12 hemm l-istess lokuzzjoni ta' l-artikolu fuq imsemmi, fis-sens illi d-delitt jibqa' ta' kompetenza tal-Qorti komposta minn Imħallef wieħed, ankorkè minħabba konkors ta' reati l-piena tkun aktar minn dik ta' tnax-il sena lavuri forzati jew prigunerija. Issa hija interpretazzjoni inveterata ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ordinarja illi, meta fl-art ta' l-akkuża l-piena taqbeż it-tnax-il sena lavuri forzati jew prigunerija minħabba kontinwità, imma mingħajr kontinwità ma kienetx taqbiżha, allura d-delitt ikun u jibqa' ta' kompetenza tal-Qorti b'Imħallef wieħed. L-Imħallef sedenti jista' jafferma illi, fl-esperjenza tiegħu professjonali ta' kważi tletin sena, din kienet dejjem l-interpretazzjoni mogħtija lill-art. 448 (2), u għalhekk l-art. 382 (2) ma hemmx raġuni biex jiġi interpretat diversament;

*3. Lanqas jista' jingħad li l-art. 382 (2)* jirriferixxi għallkompetenza ordinarja biss, u mhux għal dik ta' l-emerġenza. Dak hu artikolu applikabili bħala regolatur tal-kwistjonijiet tal-kompetenza. L-elevazzjoni tal-kompetenza tal-Qrati In-

ferjuri, sija pure bħala miżura eċċezzjonali, ma tneħħix il-forza ta' dak il-kriterju regolatur;

4. Għandu jiżdied illi fl-"Administration of Justice (Emergency) Regulations 1940", fuq imsemmijin, jingħad illi l-Attorney General jista' jibgħat, biex jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, "any person charged with an offence punishable with imprisonment or hard labour exceeding three months but not exceeding two years, and thereupon the said Court shall be competent to try such offence". Issa, jekk wieħed jeżamina d-dispożizzjonijiet tal-liġi "*in pari materia*", għandu jiġi għall-konklużjoni illi, meta tintuża lokuzzjoni simili, il-liġi tkun qiegħda tirriferixxi għall-piena li għaliha r-reat hu ordinarjament suġġett, u mhux anki għal dawk il-kawżi li, bla ma jbiddlu t-titolu tar-reat (waħdu jew bl-aggravanti tiegħu), *jinfluwixxu fuq il-piena*. Hekk, *per eżempju*, fl-istess art. 382 fuq ċitat, il-liġi żammet ferma l-kompetenza tal-Qorti Inferjuri ankorkè minħabba konkors ta' reati jew reċidiva jkun hemm lok għal piena akbar. Hekk ukoll fl-art. 448 (2) *il-liġi żammet ferma l-kompożizzjoni* kolleġjali tal-Qorti Kriminali avvolja, minħabba l-età ta' l-akkużat jew skużanti oħra, il-piena tinżel taħt tnax-il sena. Hekk ukoll, fl-istess dispożizzjoni l-liġi żammet ferma l-kompożizzjoni tal-Qorti Kriminali b'Imħallef wieħed avvolja, minħabba f'konkors jew reċidiva, il-piena titla' aktar minn tnax-il sena. B'dana kollu l-liġi wriet ċar illi, meta l-liġi, bħala kriterju ta' kompetenza, semmiet il-piena li għaliha jkun suġġett ir-reat, riedet tfisser il-piena li għaliha hu ordinarjament suġġett bħala reat, sija pure bl-aggravanti inerenti għar-reat, bħal kwalifiki tasserq, imma mhux il-kawżi l-oħra (bħar-reċidiva, età, eċċ.) li jistgħu jtellgħu jew ibaxxu l-piena. Għalhekk dik id-dispożizzjoni tar-Regulations fuq imsemmija hu loġiku li tiġi interpretata bl-istess mod, fis-sens li għandha titqies il-piena li għaliha hu *ordinarjament suġġett ir-reat*, bla ma titqies iż-żieda fil-piena li jista' jkun hemm minħabba kontinwità;

Għalhekk il-Qorti t'Isfel kienet kompetenti;

Għal dawna l-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-art. 440 (3) Kap. 12, tħassar is-sentenza appellata, u tipproċedi hija stess għat-trattazzjoni u d-deċiżjoni tal-meritu.